KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 1**

**It-Tlieta, 2 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Astrid Pell | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Sebgħa (7)

**01.01 Ftuħ tal-laqgħa**

**01.01.01** Il-Kunsilliera Josette Busuttil, bħala l-kunsillera anzjana fetħet din l-ewwel laqgħa ta' din il-leġiżlatura. Hi rringrazzjat lill-kunsilliera li kienu jifformaw parti mill-aħħar leġiżlatura. Hija awgurat lill-kunsilliera eletti għal din il-leġiżlatura u semmiet biex naħdmu flimkien bħala Kunsill wieħed.

**01.02 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**01.02.01** Xejn.

**01.03 Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Sindku**

**01.03.01** Il-Kunsilliera Josette Busuttil stiednet lill-Kunsillier Scott Camilleri sabiex jaqra l-ittra t'aċċettazzjoni ta' Sindku. Is-Sindku Scott Camilleri qara u ffirma l-aċċettazzjoni.

**01.04 Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Viċi Sindku**

**01.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri stieden lill-Kunsilliera Josette Busuttil sabiex taqra l-ittra t'aċċettazzjoni ta' Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qrat u ffirmat l-aċċettazzjoni.

**01.05 Diskors mis-Sindku Scott Camilleri**

**01.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri għamel diskors ta' introduzzjoni:

*L-ewwel nett, nixtieq nirringrazzja lilkom ilkoll talli wrejtu l-fiduċja tagħkom fija sabiex għal darb'oħra nservi bħala s-Sindku tagħkom. Huwa unur u privileġġ kbir għalija li nkun hawn quddiemkom illum, fil-bidu ta' din il-leġiżlatura l-ġdida. Illum huwa jum speċjali ħafna, mhux biss għalija personalment, iżda wkoll għar-raħal kollu tagħna. Dan il-Kunsill Lokali, bil-għajnuna u l-appoġġ tagħkom, se jkun qed jaħdem bla heda biex jara li Birżebbuġa tkompli tiffjorixxi u tistagħna.*

*L-impenji u l-isfidi tagħna huma kbar, iżda b'kollaborazzjoni u impenn nemmen li flimkien nistgħu niksbu ħafna. Il-ġid komuni, il-progress soċjo-ekonomiku, u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħna se jkunu dejjem fuq nett tal-aġenda tagħna. Nixtieq inkun is-Sindku ta' kulħadd, u nkun dejjem lest nisma', nifhem, u naġixxi fl-interess ta' Birżebbuġa u r-residenti tagħha.*

*Nitolbu lil Alla biex jagħtina l-għerf u s-saħħa sabiex inkunu nistgħu nwettqu dmirijietna b'integrità, trasparenza, u b'qalb miftuħa. Għandi fiduċja kbira fil-potenzjal tagħna bħala Kunsill u ninsab ħerqan biex nibda dan il-vjaġġ flimkien magħkom.Nirringrazzja lil dawk kollha li matul il-leġiżlatura l-oħra kienu strumentali għall-ħidma fejjieda li wettaqna flimkien. Uħud minnkom għandi l-privileġġ li nerġa' naħdem magħkom. L-oħrajn għandi l-pjaċir li se nkun qiegħed naħdem magħkom.*

*Nappella biex tkomplu tkunu parti attiva mill-proċess demokratiku tagħna. L-għaqda u l-koperazzjoni tagħna huma ċ-ċavetta għas-suċċess tagħna. Grazzi ħafna, u ħalli dan il-Kunsill Lokali jkun wieħed ta' suċċess u prosperità għall-ġid ta' Birżebbuġa.*

## 01.06 Responsabbiltajiet tal-kunsilliera

**01.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qara d-dekasteri ta' kull kunsillier hekk kif ġew eletti.

*Is-Sur Scott Camilleri (Sindku):*
- Laqgħat tal-Kunsill u rappreżentazzjoni legali
- Estimi u kontroll tal-finanzi (flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv)
- Assenjar tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill
- Kumitati Reġjonali
- Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar
- Devoluzzjoni ta' propjetà tal-Gvern Ċentrali
- Bye-laws
- Relazzjonijiet barranin u ġemellaġġi
- Storja u kultura
- Għaqdiet volontarji
- Corporate social responsability
- Proġetti kapitali u infrastrutturali
- Rappreżentant fuq l-EMC tal-Port Hieles
- Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
- Rappreżentant fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
- Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
- Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
- Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u l-kontroll tal-finanzi
- Rappreżentant fuq Steering Committee tal-parkeġġ miftuħ biswit il-Port Hieles
- Rappreżentant fuq il-bord dwar l-ingaġġar u l-ħaddiema tal-Kunsill

*Is-Sa Josette Busuttil (Viċi Sindku):*
- Qasam Soċjali, Integrazzjoni u Inklużjoni Soċjali
- Attivitajiet soċjali għall-anzjani
- Assistenza soċjali
- Solidarjetà, Integrazzjoni Soċjali u Ugwaljanza
- Rappreżentanta fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
- Rappreżentanta tal-Kunsill fuq Gal Xlokk

*Is-Sur Alexander Caruana (Kunsillier):*
- Infrastruttura u traffiku
- Servizz tal-elettriku fit-toroq
- Tabelli bl-ismijiet inkluż it-tismija tat-toroq
- Servizz tal-ilma u d-drenaġġ
- Rappreżentant fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
- Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
- Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
- Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u l-kontroll tal-finanzi
- Rappreżentant flimkien mas-Sindku fuq proġetti infrastrutturali, inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna

*Is-Sur Johann Borg (Kunsillier):*
- Saħħa, is-saħħa mentali u s-sanità
- Promozzjoni ta' trasport alternattiv

- Trasport pubbliku
- Bus shelters
- Servizzi fil-komunità għall-anzjani
- Evalwazzjoni tal-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u Gazzetta tal-Gvern
- Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
- Rappreżentant fuq il-bord dwar l-ingaġġar u l-ħaddiema tal-Kunsill

*Is-Sa Maria Mifsud (Kunsilliera):*
- Proġetti ambjentali
- Non-urban areas
- Ġbir u mmaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali
- Latrini pubbliċi
- Tindif, tisbiħ u ħarsien tal-ġonna pubbliċi inkluż it-tisqija
- Żbir ta' siġar
- Knis u tindif ta' toroq inkluż l-isqaqien rurali
- Turiżmu
- Rappreżentanta fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
- Rappreżentanta fuq l-EMC tal-Port Ħieles

*Is-Sur Ivan Abela Grech (Kunsillier):*
- Pulizija, Protezzjoni Ċivili u Forzi Armati
- Pulizija tal-Komunità
- Sigurtà tal-lokal
- Żvilupp ta' faċilitajiet sportivi
- Attivitajiet sportivi u fiżiċi
- Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
- Rappreżentant fuq Skatepark Steering Committee

*Is-Sur Karel Zahra (Kunsillier):*
- Innovazzjoni u diġitalizzazzjoni
- Telekomunikazzjoni
- Kalendarju liturġiku u attivitajiet reliġjużi fil-beraħ
- Informazzjoni u applikazzjonijiet ta' fondi mill-UE
- Liason officer għal skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali
- Xjenza, riċerka u teknoloġija
- Rappreżentant tal-għaqdiet volontarji
- Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
- Rappreżentant fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
- Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
- Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u kontroll tal-finanzi

*Is-Sa Rohasia Zammit (Kunsilliera):*
- Ħarsien tal-annimali
- Żgħażagħ u tfal
- Librerija pubblika lokali
- Edukazzjoni
- Rappreżentanta tal-Youth Detachment Programme Committee fl-Aġenzija Żgħażagħ

*Is-Sur Darren Mark Debono (Kunsillier):*
- Promozzjoni tan-negozji
- Negozju u kummerċ
- Liċenzji tal-ħwienet
- Suq fil-beraħ
- Affarijiet marittimi inkluż iż-żamma tal-bajjiet u relazzjoni mal-entitajiet u għaqdiet konċernati
- Manutenzjoni ta' żoni rikreattivi u funtani

*Is-Sur Jordy Brincat (Segretarju Eżekuttiv):*
- Kap Eżekuttiv
- Kap Amministrattiv
- Kap Finanzjarju

## 01.07 Ġranet u ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill

**01.07.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li rridu nistabbilixxu l-ġurnata u l-ħin tas-seduta skedata. Il-kunsilliera preżenti qablu li ssir fil-ġurnata tat-Tlieta u tibda fil-17:30.

## 01.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**01.08.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:10 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 17 ta' Lulju 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |